MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2013

Numru 884/2013

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Busuttil)

vs

Mary Saliba

Sandra Xerri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati Mary Saliba ta' karta ta' l-identita bin-numru 150660 (M) u kontra Sandra Xerri ta' karta ta' l-identita bin-numru 113665 (M)

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Settembru 2013 ghall-habta tas-2.00 ta' wara nofsinhar u fil-granet ta' qabel, minghand Gifts Unlimited, Caravaggio Art, KTA, Waves, li jinsavu f'San Pawl il-Bahar Malta u minn diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommettew serq ta' diversi portmonijiet, keychains, lighters, nail polish remoerm, prodotti kosmetici u affarijiet ohrajn ghad-dannu tal-kumpanija Gifts Unlimited, Caravaggio Art, KTA, Waves u/ jew persuni ohra (Art 284 tal-Kap 9)
2. U iktar talli laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li huma ndahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom (Art 334 tal-Kap 9)

U Mary Saliba wahedha akkuzata ukoll talli kisret il-provedimenti ta' Probation Order, liema Probation Order inghatat lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D. nhar l-14 ta' Marzu 2013.

Semghet lill-imputati fl-udjenza ta' llum jammettu l-akkuzi fuq liema ammissjoni baqghu jinsistu anke wara li l-Qorti taghthom zmien biex jirrikonsidraw;

Tiddikjarahom u ssibhom fuq l-iskorta tal-ammissjoni hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom rispettivament, ghal akkuza komuni ssibhom hatja ta' serq izda mhux ta' ricettazzjoni.

Rat l-Artikolu 284 u 285 tal-Kap 9 fil-konfront taz-zewg imputati u wkoll l-Artikolu 23 tal-Kap 446 fil-konfront ta' Mary Saliba.

Tikkundanna lil Mary Saliba sitt xhur prigunerija li ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tissospendiehom ghla sena millum.

Tillibera bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 lil Sandra Xerri ghal sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbiltajiet taghhom skont is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------